IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2016
COM(2016) 789 final

2016/0394 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE, id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli ta' proċedura fir-rappurtar fil-qasam tal-ambjent u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### IL-KUNTEST ĠENERALI

Ħafna atti legali tal-Unjoni ġew adottati mingħajr data ta' skadenza. Dawn l-atti jibqgħu fis-seħħ b'mod formali anki jekk l-effetti legali tagħhom ikunu ġew eżawriti.
Jekk jiġu eliminati l-atti li ma jkunx għadhom japplikaw jew li ma jkunx għadhom rilevanti, l-għodod li jiffaċilitaw l-aċċess għal-liġijiet tal-Unjoni, jiġifieri s-CELEX, il-EUR-Lex u d-Direttorju tal-Leġiżlazzjoni fis-seħħ, ikunu jistgħu jiġu ppreżentati b'mod iktar faċli għall-utent u jkunu jistgħu jiġu eżaminati b'mod iktar effiċjenti u li ma jaħlix daqshekk ħin (pereżempju fir-riżultati tat-tiftix ma jibqgħux jidhru wkoll l-atti li ma jkunx għadhom validi minbarra dawk li jkun għadhom japplikaw). It-titjib fit-trasparenza tal-liġi tal-Unjoni huwa element essenzjali tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni qed isegwu wkoll skont il-Ftehim Interistituzzjonali l-ġdid dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet[1]. Fil-Komunikazzjoni tal-2014 dwar ir-REFIT[2] intqal li l-Kummissjoni se tipprepara t-tħassir tal-leġiżlazzjoni marbuta, fost l-oħrajn, mar-rappurtar standardizzat fil-qasam tal-ambjent. Barra minn hekk, fil-Komunikazzjoni tal-2015 dwar regolamentazzjoni aħjar[3] saret talba għal rieżami wiesa' tar-rappurtar f'diversi oqsma tal-politika, fosthom dak tal-ambjent. Minħabba dawn ir-rabtiet, issa qed jiġi ttrattat it-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru, 1991, biex tistandardizza u tirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti direttivi fuq l-ambjent ("id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE"). Dan huwa marbut ukoll mal-kontroll usa' tal-idoneità tal-monitoraġġ u tar-rappurtar fil-qasam tal-ambjent. Dak il-kontroll tal-idoneità issa nbeda, kif stabbilit fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2016[4], li fih kienu ssemmew il-proposti għal tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE u għal tħassir tad-Deċiżjoni relatata tal-Kummissjoni 95/337/KE dwar kwestjonarju dwar l-ilma fl-inizjattivi dwar it-tħassir mogħtija fl-Anness V.

Il-pakkett ta' tħassir jikkonsisti f'erba inizjattivi proposti marbutin mat-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/337/KE:

1. Komunikazzjoni li fiha jingħad li 11-il att ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni adottat biex tistabbilixxi l-kwestjonarji għar-rappurtar fil-qasam tal-ambjent, inkluża d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/337/KE, ma għadhomx jgħoddu;
2. proposti għal żewġ Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jħassru (permezz tal-komitoloġija) żewġ Deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/92/UE tal-10 ta' Frar 2011[5] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/681/UE tad-9 ta' Novembru 2010[6], li eżawrew l-effett legali tagħhom iżda li, minħabba raġunijiet proċedurali, il-Kummissjoni se tħassarhom iktar tard permezz tal-komitoloġija.
3. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li se tħassar sitt atti legali li jirreferu għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE u li se temenda d-dispożizzjonijiet tagħhom.

[1] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
[2] Fit-Taqsima III tad-dokument COM(2014) 368 final dwar Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Is-Sitwazzjoni Attwali u l-Perspettivi, imsejħa "Inizjattivi futuri ta' REFIT".
[3] COM(2015) 215 final tad-19 ta' Mejju 2015.
[4] COM(2015) 610 final tas-27 ta' Ottubru 2015.
[5] ĠU L 37, 11.2.2011, p. 19.
[6] ĠU L 292, 10.11.2010, p. 65.

Sabiex tħejji dawn l-inizjattivi, il-Kummissjoni wettqet analiżi taż-żamma tal-obbligi differenti jew tat-tħassir tagħhom, u ħarset lejn il-konsegwenzi ta' dawn iż-żewġ azzjonijiet. Hawn taħt qed jingħataw fil-qosor ir-riżultati ta' dan ix-xogħol, li qed jingħataw fid-dettall fi studju ta' appoġġ ippubblikat b'mod separat[7]. Minħabba li l-għan huwa li jitħassru dispożizzjonijiet u atti legali li ma għadhomx jgħoddu, tqies li ma kienx hemm bżonn titwettaq valutazzjoni formali tal-impatt. Ta' min jenfasizza li mhu mistenni joħroġ l-ebda benefiċċju ekonomiku reali minn dan l-eżerċizzju ta' tħassir. Il-benefiċċji ewlenin se jkunu marbutin l-iktar mal-fatt li wara dan l-eżerċizzju ta' "żbarazzar" se jkun hemm sett iktar ċar ta' regoli dwar ir-rappurtar.

**Nuqqasijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE**

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE kellha l-għan li tissimplifika l-obbligi tar-rappurtar tal-leġiżlazzjoni kollha tal-UE li kienet fis-seħħ fil-qasam tal-ambjent meta din ġiet adottata. Madankollu, fil-prattika din id-Direttiva ma armonizzatx ir-rekwiżiti kollha tar-rappurtar fil-qasam tal-ambjent. Pereżempju d-Direttivi tal-Kunsill 91/271/KEE[8] u 91/676/KEE[9] ma kinux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Wieħed jista' jinnota wkoll li sa mill-bidu nett tagħha, l-implimentazzjoni tad-Direttiva kienet ta' piż u ma kinetx effiċjenti. Problema ewlenija kienet il-fatt li d-Direttiva ġiet adottata qabel l-użu mifrux tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Barra minn hekk, ħafna mill-istrumenti individwali li għalihom id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE stabbiliet rekwiżiti tar-rappurtar wara ħadulhom posthom strumenti oħrajn li ma tawx każ tad-dispożizzjonijiet tar-rappurtar tagħha. Pereżempju d-Direttiva 2000/60/KE[10] ħassret seba' atti leġiżlattivi marbutin mal-ilma u b'hekk id-Deċiżjoni relatata tal-Kummissjoni 95/337/KE dwar kwestjonarju dwar l-ilma adottata skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE ma baqgħetx tgħodd. Strumenti bħad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva 2010/75/UE[11] (u d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE[12] li ġiet qabilha) daħħlu obbligi indipendenti tar-rappurtar.

Hekk kif ġew żviluppati b'suċċess il-grupp ta' applikazzjonijiet u proċessi web flimkien imsejħin "Reportnet" tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA) u l-inizjattivi settorjali dwar is-simplifikazzjoni tar-rappurtar (pereżempju s-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa), bdew jidħlu dejjem iktar dubji dwar kemm kien hemm bżonn ta' strument orizzontali għar-rappurtar u dwar kemm strument bħal dan kien se jkun effiċjenti. Fl-aħħar nett, l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE dwar l-INSPIRE u l-iżvilupp relatat tas-Sistema dwar l-Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (is-SEIS)[13] daħħlu approċċ orizzontali iktar modern u effettiv għall-ġestjoni tal-informazzjoni u għar-rappurtar b'rabta mal-politika tal-UE fil-qasam tal-ambjent.

Dak iż-żmien, il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li "[…] *pass ewlieni fl-implimentazzjoni tal-SEIS, u b'mod partikolari biex jiġu xprunati l-benefiċċji tas-simplifikar se jkun l-immodernizzar tad-dispożizzjonijiet legali relatati mal-mod kif l-informazzjoni meħtieġa mil-leġiżlazzjoni ambjentali ssir disponibbli. Huwa mistenni li dan se jsir permezz tar-reviżjoni tad-Direttiva 91/692/KE dwar ir-Rappurtar Standardizzat, li jeħtieġ li tiġi aġġornata u tinġieb f'konfomità mal-prinċipji tal-SEIS. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li fl-2008 tressaq proposta leġiżlattiva rilevanti, inkluż tħassir ta'*

[7] Dan huwa disponibbli mis-sit web li ġej: http://ec.europa.eu/environment/legal/reporting/other_actions_en.htm.
[8] Id-Direttiva dwar l-ilma urban mormi.
[9] Id-Direttiva dwar in-nitrati.
[10] Id-Direttiva qafas dwar l-ilma.
[11] Id-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali.
[12] Id-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis.
[13] KUMM(2008) 46 finali tal-1 ta' Frar 2008.

*dispożizzjonijiet skaduti fid-direttiva ta' rappurtar standardizzat ta' bħalissa."*[14]. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li ma tressaq l-ebda strument legali ġdid dwar ir-rappurtar imma li tieħu approċċ mhux legali għal din l-aġenda (ara l-Prospetti għall-Implimentazzjoni tas-Sistema tal-UE dwar l-Informazzjoni Ambjentali Kondiviża[15]), flimkien ma' azzjoni kkoordinata fl-oqsma differenti tal-politika fil-qasam tal-ambjent (bħall-arja, l-ilma, in-natura, eċċ.).

**Sommarju tal-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE u tar-rilevanza tagħha**

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tirreferi għal 28 att marbutin mal-qasam ambjentali li huma koperti bid-dispożizzjonijiet tagħha. Għadd ta' atti oħra jużaw id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE. Bħalissa, minħabba t-tħassir sussegwenti li sar ta' dawn l-atti (ara l-ħarsa ġenerali mogħtija fit-Tabella 2), Regolament wieħed, disa' Direttivi (ara l-ħarsa ġenerali mogħtija fit-Tabella 1) (żewġ Direttivi għadhom suġġetti għad-dispożizzjonijiet tagħha, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE u d-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE) u 23 Deċiżjoni għadhom fis-seħħ li għadhom jirreferu għal dawn id-dispożizzjonijiet (ara l-ħarsa ġenerali mogħtija fit-Tabella 3).

Bħala konklużjoni, il-maġġoranza tal-obbligi oriġinali stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE m'għadhomx jgħoddu u m'għadx għandhom effett legali. Minħabba f'hekk, il-proposta ta' tħassir qed issir biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, biex ikun hemm iktar trasparenza, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u biex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun adattata għall-għanijiet tagħha skont l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar.

**L-azzjonijiet proposti biex titħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE u biex jitħassru l-atti relatati magħha**

L-ewwel azzjoni hija proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tneħħi r-rekwiżiti tar-rappurtar standardizzat. Qed jiġi propost ukoll li r-referenzi għar-regoli l-qodma tal-komitoloġija jinbidlu b'referenzi għar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, kif jitlob l-Artikolu 13 tiegħu dwar il-miżuri tranżizzjonali.

It-tieni azzjoni għandha fil-mira l-adozzjoni ta' Komunikazzjoni li fiha jingħad li d-Deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE li għadhom fis-seħħ m'għadhomx jgħoddu. Il-Komunikazzjoni tidentifika d-Deċiżjonijiet li m'għadhomx jgħoddu u li l-bażi legali tagħhom tħassret.

It-tielet azzjoni se jkollha l-għan li tħassar żewġ Deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li l-bażi legali tagħhom għadha valida imma li sadanittant eżawrew l-effetti legali tagħhom[16].

Bħala parti mill-analiżi preparatorja, tqiesu diversi għażliet sabiex ikun żgurat tħassir effettiv filwaqt li jinżammu l-effetti legali meta dan ikun meħtieġ. Is-sejbiet ta' din l-analiżi qed jingħataw fl-istudju ta' appoġġ[17], li fih ġie rrakkomandat li jitħassru għalkollox id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE u li jitneħħew id-dispożizzjonijiet li m'għadhomx jgħoddu, filwaqt li ssir referenza għar-regoli l-ġodda dwar l-atti ta'

---

[14] Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Lejn Sistema dwar l-Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (SEIS) {SEG(2008) 111} {SEG(2008) 112} /* KUMM/2008/0046 finali *.

[15] SWD(2013) 18 finali tal-25 ta' Jannar 2013.

[16] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/92/UE tal-10 ta' Frar 2011 (ĠU L 37, 11.2.2011, p. 19) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/681/UE tad-9 ta' Novembru 2010 (ĠU L 292, 10.11.2010, p. 65).

[17] Dan jinsab fis-sit li ġej: http://ec.europa.eu/environment/legal/reporting/index_en.htm.

implimentazzjoni. Din l-għażla, li tikkonsisti fit-tliet azzjonijiet imsemmijin hawn fuq, ġiet identifikata bħala l-iktar waħda effettiva biex titnaqqas il-burokrazija żejda u tittejjeb iċ-ċarezza legali.

**Direttivi li jissemmew fid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE li kienu diġà jeżistu qabel**

Kif issemma hawn fuq, mit-28 strument li oriġinarjament kienu ssemmew fid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE (ara l-ħarsa ġenerali mogħtija fit-Tabella 2), fadal biss fis-seħħ id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE u d-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE (ara l-ħarsa ġenerali mogħtija fit-Tabella 1).

Qed jiġi propost li jinżammu d-dispożizzjonijiet tar-rappurtar mogħtija fid-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE, filwaqt li din tiġi allinjata mar-regoli l-ġodda dwar l-atti ta' implimentazzjoni li stabbilixxa t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

Ir-rekwiżiti tar-rappurtar mogħtija fid-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE mhumiex qed jintużaw, l-iktar minħabba li l-asbestos m'għadux jintuża fl-Istati Membri tal-UE minħabba li fl-UE tneħħew b'mod gradwali l-produzzjoni u l-użu tal-asbestos mhux maħdum u ta' prodotti li fihom l-asbestos permezz tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, magħruf bħala r-Regolament REACH.

**Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn id-Direttivi u r-Regolamenti li tkopri d-Deċiżjoni proposta li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE (l-atti l-oħrajn kollha li huma rilevanti għal din id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE sadanittant ma baqgħux jgħoddu jew ma baqgħux rilevanti)**

| **Atti legali li jirreferu għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE jew li jissemmew fiha li għadhom fis-seħħ** | **Tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE li jaffettwa l-atti legali rilevanti** | **L-Artikolu tad-Deċiżjoni proposta li jindirizza l-atti legali rilevanti** |
|---|---|---|
| 1) Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-Ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura | L-Artikoli 13, 14, 15, 15a u 17 | L-Artikolu 3 |
| 2) Id-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE tad-19 ta' Marzu 1987 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-ambjent mill-asbestos | L-Artikolu 13 | L-Artikolu 4 |
| 3) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità | L-Artikolu 21 | L-Artikolu 1 |
| 4) Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju tirreferi għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE | L-Artikoli 27, 29 u 30 | L-Artikolu 2 |
| 5) Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti | L-Artikolu 21 | L-Artikolu 5 |
| 6) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz | L-Artikolu 9 | L-Artikolu 6 |
| 7) L-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi[18] | Dan huwa kopert mill-Pakkett dwar l-iskart | Dan huwa kopert mill-Pakkett dwar l-iskart |
| 8) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw[19] | Dan huwa kopert mill-Pakkett dwar l-iskart | Dan huwa kopert mill-Pakkett dwar l-iskart |

[18] L-Artikolu 37(1).
[19] L-Artikolu 9.

| | | |
|---|---|---|
| 9) L-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April tal-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma[20] | Dan huwa kopert mill-Pakkett dwar l-iskart | Dan huwa kopert mill-Pakkett dwar l-iskart |
| 10) L-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ[21] | Dan huwa kopert mill-Pakkett dwar l-iskart | Dan huwa kopert mill-Pakkett dwar l-iskart |

**Tabella 2: Ħarsa ġenerali lejn id-Direttivi u r-Regolamenti li tħassru li qabel kienu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE**

| **Atti legali li tħassru, iżda li qabel kienu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE** | **Data tat-tħassir** |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 76/160/KEE tat-8 ta' Diċembru 1975 dwar il-kwalità tal-ilma għall-għawm[22], li ġiet emendata bl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE[23]. | Il-31 ta' Diċembru 2014 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE tal-4 ta' Mejju 1976 dwar it-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akkwatiku tal-Komunità[24], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2006/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akkwatiku tal-Komunità[25]. | It-23 ta' Marzu 2006 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 78/176/KEE tal-20 ta' Frar 1978 dwar skart mill-industrija tat-titanju dijossidu[26], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 83/29/KEE[27], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)[28]. | Is-7 ta' Jannar 2014 |

---

20 L-Artikolu 15.
21 COM(2015) 595 final; COM(2015) 593 final; COM(2015) 594 final; u COM(2015) 596 final.
22 *ĠU L 31, 5.2.1976, p. 1.*
23 *ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37.*
24 *ĠU L 129, 18.5.1976, p. 23.*
25 *ĠU L 64, 4.3.2006, p. 52.*
26 *ĠU L 54, 25.2.1978, p. 19.*
27 *ĠU L 32, 3.2.1983, p. 28.*
28 *ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.*

| **Atti legali li tħassru, iżda li qabel kienu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE** | **Data tat-tħassir** |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 78/659/KEE tat-18 ta' Lulju 1978 dwar il-kwalità tal-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostnuta l-ħajja tal-ħut[29], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2006/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-kwalità tal-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostnuta l-ħajja tal-ħut[30], li min-naħa tagħha tħassret permezz tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma[31]. | Il-<br>21 ta' Diċembru 2013 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 79/869/KEE tad-9 ta' Ottubru 1979 dwar il-metodi ta' kejl u l-frekwenzi tal-analiżi u tat-teħid ta' kampjuni tal-ilma tal-wiċċ maħsub għall-estrazzjoni ta' ilma tax-xorb fl-Istati Membri[32], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 81/855/KEE[33], tħassret permezz tad-Direttiva 2000/60/KE. | Il-<br>21 ta' Diċembru 2007 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 79/923/KEE tat-30 ta' Ottubru 1979 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski [34], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret u ġiet ikkodifikata permezz tad-Direttiva 2006/113/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-kwalità meħtieġa ghall-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski[35], li min-naħa tagħha tħassret permezz tad-Direttiva 2000/60/KE. | Il-<br>21 ta' Diċembru 2013 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE tas-17 ta' Diċembru 1979 dwar il-ħarsien ta' ilma ta' taħt l-art kontra tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi[36], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2000/60/KE. | Il-<br>21 ta' Diċembru 2013 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 82/176/KEE tat-22 ta' Marzu 1982 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi tal-kwalità għall-iskariki ta' merkurju mill-industrija tal-elettrosi tal-kloruri alkalini[37], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma[38]. | It-<br>22 ta' Diċembru 2012 |

29 *ĠU L 222, 14.8.1978, p. 1.*
30 *ĠU L 264, 25.9.2006, p. 20.*
31 *ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.*
32 *ĠU L 271, 29.10.1979, p. 44.*
33 *ĠU L 319, 7.11.1981, p. 16.*
34 *ĠU L 281, 10.11.1979, p. 47.*
35 *ĠU L 376, 27.12.2006, p. 14.*
36 *ĠU L 20, 26.1.1980, p. 43.*
37 *ĠU L 81, 27.3.1982, p. 29.*
38 *ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84.*

| **Atti legali li tħassru, iżda li qabel kienu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE** | **Data tat-tħassir** |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE tas-26 ta’ Settembru 1983 dwar il-limitu ta’ valuri u objettivi ta’ kwalità għall-iskariku tal-kadmju[39], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2008/105/KE. | It-22 ta’ Diċembru 2012 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 84/156/KEE tat-8 ta’ Marzu 1984 dwar il-valuri ta’ limitu u l-objettivi ta’ kwalità għall-iskariku ta’ merkurju minn setturi li mhumiex dawk tal-industrija tal-elettroliżi tal-chlor-alkali[40], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2008/105/KE. | It-22 ta’ Diċembru 2012 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 84/491/KEE tad-9 ta’ Ottubru 1984 dwar il-valuri ta’ limitu u l-objettivi ta’ kwalità għall-iskarikar ta’ hexachlorocyclohexane[41], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2008/105/KE. | It-22 ta’ Diċembru 2012 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1986 dwar il-limitu ta’ valuri u oġġettivi ta’ kwalità għall-iskariku ta’ ċerti sustanzi perikolużi inklużi fil-Lista I tal-Anness tad-Direttiva 76/464/KEE[42], kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 90/415/KEE[43], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2008/105/KE. | It-22 ta’ Diċembru 2012 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE tas-16 ta’ Ġunju 1975 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilma tal-wiċċ illi huwa maħsub għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb fl-Istati Membri[44], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2000/60/KE. | Il-21 ta’ Diċembru 2007 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 80/778/KEE tal-15 ta’ Lulju 1980 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem [traduzzjoni mhix uffiċjali][45], li ġiet emendata bl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta’ Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem[46]. | Il-25 ta’ Diċembru 2003 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 85/203/KEE tas-7 ta’ Marzu 1985 dwar l-istandards ta’ kwalità tal-arja għan-nitroġenu dijossidu[47], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 85/580/KEE[48], li ġiet emendata bl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz | Il-11 ta’ Ġunju 2010 |

39 *ĠU L 291, 24.10.1983, p. 1.*
40 *ĠU L 74, 17.3.1984, p. 49.*
41 *ĠU L 274, 17.10.1984, p. 11.*
42 *ĠU L 181, 4.7.1986, p. 16.*
43 *ĠU L 219, 14.8.1990, p. 49.*
44 *ĠU L 194, 25.7.1975, p. 26.*
45 ĠU L 229, 30.8.1980, p. 11.
46 ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32.
47 *ĠU L 87, 27.3.1985, p. 1.*
48 *ĠU L 372, 31.12.1985, p. 36.*

| Atti legali li tħassru, iżda li qabel kienu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE | Data tat-tħassir |
|---|---|
| tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE tat-22 ta' April 1999 dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali, li ma kienet tirreferi bl-ebda mod għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE u li, min-naħa tagħha, tħassret permezz tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa. | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 75/716/KEE tal-24 ta' Novembru 1975 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-kontenut ta' kubrit ta' ċerti kombustibbli likwidi [traduzzjoni mhix uffiċjali][49], li ġiet emendata bl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE[50]. | It-30 ta' Settembru 1994 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 84/360/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984 dwar il-ġlieda kontra t-tniġġis fl-arja mill-impjanti industrijali[51], li ġiet emendata bl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis[52], li min-naħa tagħha tħassret permezz tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)[53]. | Is-7 ta' Jannar 2014 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 80/779/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 dwar il-limiti tal-valuri tal-kwalità tal-arja u gwidi għall-valuri tad-diossidju tal-kubrit u l-partiċelli tal-arja[54], li ġiet emendata bl-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE[55], li min-naħa tagħha tħassret b'effett mill-11 ta' Ġunju 2010 permezz tad-Direttiva 2008/50/KE. | Il-11 ta' Ġunju 2010 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 82/884/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 dwar valur ta' limitu rigward iċ-ċomb fl-arja[56], li ġiet emendata bl-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE, li min-naħa tagħha tħassret permezz tad-Direttiva 2008/50/KE. | Il-11 ta' Ġunju 2010 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 85/203/KEE tas-7 ta' Marzu 1985 dwar l-istandards ta' kwalità tal-arja għan-nitroġenu dijossidu[57], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 85/580/KEE[58], li ġiet emendata bl- | Il-11 ta' Ġunju 2010 |

[49] *ĠU L 307, 27.11.1975, p. 22.*
[50] *ĠU L 74, 27.3.1993, p. 81.*
[51] *ĠU L 188, 16.7.1984, p. 20.*
[52] *ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.*
[53] *ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.*
[54] *ĠU L 229, 30.8.1980, p. 30.*
[55] *ĠU L 163, 29.6.1999, p. 41.*
[56] *ĠU L 378, 31.12.1982, p. 15.*
[57] *ĠU L 87, 27.3.1985, p. 1.*
[58] *ĠU L 372, 31.12.1985, p. 36.*

| Atti legali li tħassru, iżda li qabel kienu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE | Data tat-tħassir |
|---|---|
| Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE, li min-naħa tagħha tħassret permezz tad-Direttiva 2008/50/KE. | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 75/439/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar ir-rimi ta' żejt użat[59], li ġiet emendata bl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart[60]. | It-12 ta' Diċembru 2010 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart[61], li ġiet emendata bl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart[62], li min-naħa tagħha tħassret permezz tad-Direttiva 2008/98/KE. | Il-11 ta' Diċembru 2010 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 76/403/KEE tas-6 ta' April 1976 dwar ir-rimi ta' poliklorobifenili u polikloroterfenili [traduzzjoni mhix uffiċjali][63], li ġiet emendata bl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT)[64]. | Is-16 ta' Settembru 1996 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 78/319/KEE tal-20 ta' Marzu 1978 fuq skart tossiku u perikoluż [traduzzjoni mhix uffiċjali][65], li ġiet emendata bl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 fuq skart perikoluż[66]. | Is-27 ta' Ġunju 1995 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 84/631/KEE tas-6 ta' Diċembru 1984 dwar is-sorveljanza u l-kontroll fil-Komunità Ewropea fuq it-trasport transfruntier ta' skart perikoluż [traduzzjoni mhix uffiċjali][67], li ġiet emendata bl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 tal-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea[68], li min-naħa tagħha tħassret permezz tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart[69]. | Il-11 ta' Lulju 2007 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 85/339/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar il- | Id-29 ta' Ġunju 1996 |

59 *ĠU L 194, 25.7.1975, p. 23.*
60 *ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.*
61 ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39.
62 *ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.*
63 *ĠU L 108, 26.4.1976, p. 41.*
64 *ĠU L 243, 24.9.1996, p. 31.*
65 *ĠU L 84, 31.3.1978, p. 43.*
66 *ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20.*
67 *ĠU L 326, 13.12.1984, p. 31.*
68 *ĠU L 30, 6.2.1993, p. 1.*
69 *ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.*

| **Atti legali li tħassru, iżda li qabel kienu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE** | **Data tat-tħassir** |
|---|---|
| kontenituri tal-likwidi għall-konsum tan-nies [traduzzjoni mhix uffiċjali][70], li ġiet emendata bl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, tħassret permezz tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ[71]. | |

70 *ĠU L 176, 6.7.1985, p. 18.*
71 *ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.*

**Tabella 3: Ħarsa ġenerali lejn l-atti ta' implimentazzjoni li se jibqgħu fis-seħħ, li għandhom jitħassru jew li għandhom jiġu ddikjarati bħala atti li m'għadhomx jgħoddu**

| **Atti legali adottati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE** | **Atti li se jibqgħu fis-seħħ** | **Atti li qed jiġi propost li jiġu ddikjarati bħala atti li m'għadhomx jgħoddu** | **Atti li qed jiġi propost li jitħassru** |
|---|---|---|---|
| 1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/166/UE tal-21 ta' Marzu 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2005/381/KE fir-rigward tal-kwestjonarju għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2014) 1726)[72]. | ✓ | | |
| 2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE tal-4 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi kwestjonarju għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (innotifikata bid-dokument numru C(2005) 1359)[73]. | ✓ | | |
| 3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/803/KE tat-23 ta' Novembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/381/KE li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rapportaġġ dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (notifikat bid-dokument numru C(2006) 5546)[74]. | ✓ | | |
| 4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18.4.2012 li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart[75]. | ✓ | | |

72 ĠU L 89, 25.3.2014, p. 45.
73 ĠU L 126, 19.5.2005, p. 43.
74 ĠU L 329, 25.11.2006, p. 38.
75 C(2012) 2384 final.

| Atti legali adottati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE | Atti li se jibqgħu fis-seħħ | Atti li qed jiġi propost li jiġu ddikjarat i bħala atti li m'għadh omx jgħoddu | Atti li qed jiġi propost li jitħassru |
|---|---|---|---|
| 5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/249/KE tal-11 ta' Marzu 2004 dwar kwestjonarju għal rapporti mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar apparat elettriku u elettroniku skartat (WEEE)[76]. | ✓ | | |
| 6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/151/KE tas-6 ta' Marzu 2007 li temenda d-Deċiżjonijiet 94/741/KE u 97/622/KE li jikkonċernaw il-kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart, u l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż[77]. | ✓ | | |
| 7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/738/KE tas-17 ta' Novembru 2000 li tikkonċerna kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/31/KE dwar it-tpoġġija tal-iskart f'landfill[78]. | ✓ | | |
| 8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/753/KE tas-17 ta' Ottubru 2001 dwar kwestjonarju għal rapport tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw[79]. | ✓ | | |
| 9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/622/KE tas-27 ta' Mejju 1997 li tikkonċerna l-kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri fuq l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fis-settur tal-iskart (implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE)[80]. | ✓ | | |
| 10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/741/KE tal-24 ta' Ottubru 1994 rigward kwestjonarji għar-rapporti | ✓ | | |

76 ĠU L 78, 16.3.2004, p. 56.
77 ĠU L 67, 7.3.2007, p. 7.
78 ĠU L 298, 25.11.2000, p. 24.
79 ĠU L 282, 26.10.2001, p. 77.
80 ĠU L 256, 19.9.1997, p. 13.

| Atti legali adottati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE | Atti li se jibqgħu fis-seħħ | Atti li qed jiġi propost li jiġu ddikjarat i bħala atti li m'għadh omx jgħoddu | Atti li qed jiġi propost li jitħassru |
|---|---|---|---|
| tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fis-settur tal-iskart (implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE)[81]. | | | |
| 11) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/632/UE tal-21 ta' Settembru 2011 li tistabbilixxi kwestjonarju li għandu jintuża għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-inċinerazzjoni ta' skart[82]. | | ✓ | |
| 12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/92/UE tal-10 ta' Frar 2011 li tintroduċi l-kwestjonarju li għandu jintuża għall-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju[83]. | | | ✓ |
| 13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/681/UE tad-9 ta' Novembru 2010 dwar kwestjonarju għal rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' taħlit volatili organiku [komposti organiċi volatili] minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet matul il-perjodu 2011-2013[84]. | | | ✓ |
| 14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/531/KE tas-26 ta' Lulju 2007 dwar kwestjonarju għal rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet, matul il-perjodu 2008 – 2010.[85] | | ✓ | |

[81] ĠU L 296, 17.11.1994, p. 42.
[82] ĠU L 247, 24.9.2011, p. 54.
[83] ĠU L 37, 11.2.2011, p. 19.
[84] ĠU L 292, 10.11.2010, p. 65.
[85] ĠU L 195, 27.7.2007, p. 47.

| Atti legali adottati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE | Atti li se jibqgħu fis-seħħ | Atti li qed jiġi propost li jiġu ddikjarat i bħala atti li m’għadh omx jgħoddu | Atti li qed jiġi propost li jitħassru |
|---|---|---|---|
| 15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/241/KE tas-26 ta’ Marzu 2003 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/391/KE tal-31 ta’ Mejju 1999 dwar il-kwestjonarju li għandu x’jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll integrati ta’ tniġġis (IPPC) (implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE)[86]. | | ✓ | |
| 16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/605/KE tas-17 ta’ Lulju 2002 li tirrigwarda l-kwestjonarju li għandu x’jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll tar-riskji ta’ inċidenti maġġuri li jinvolvu s-sustanzi perikolużi[87]. | | ✓ | |
| 17) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/391/KE tal-31 ta’ Mejju 1999 dwar il-kwestjonarju li għandu x’jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll integrati ta’ tniġġis (IPPC) (implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE). [88] | | ✓ | |
| 18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/314/KE tad-9 ta’ April 1999 li tikkonċerna l-kwestjonarju li għandu x’jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll ta’ perikoli ta’ inċidenti maġġuri li jinvolvu sustanzi perikolużi[89]. | | ✓ | |
| 19) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/184/KE tal-25 ta’ Frar 1998 li tirrigwarda kwestjonarju għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 94/67/KE dwar l-inċinerazzjoni ta’ ċertu skart ta’ riskju (l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE)[90]. | | ✓ | |
| 20) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/511/KE tad-29 ta’ Lulju 1996 dwar il-kwestjonarji stabbiliti mid- | | ✓ | |

86 ĠU L 89, 5.4.2003, p. 17.
87 ĠU L 195, 24.7.2002, p. 74.
88 ĠU L 148, 15.6.1999, p. 39.
89 ĠU L 120, 8.5.1999, p. 43.
90 ĠU L 67, 7.3.1998, p. 48.

| **Atti legali adottati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE** | **Atti li se jibqgħu fis-seħħ** | **Atti li qed jiġi propost li jiġu ddikjarat i bħala atti li m'għadh omx jgħoddu** | **Atti li qed jiġi propost li jitħassru** |
| --- | --- | --- | --- |
| Direttivi tal-Kunsill 80/779/KEE, 82/884/KEE, 84/360/KEE u 85/203/KEE[91]. | | | |
| 21) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/302/KE tas-17 t'April 1996 li tistabbilixxi format li fih għandha tkun provduta informazzjoni skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż[92]. | | ✓ | |
| 22) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/446/KEE tas-27 ta' Lulju 1992 dwar kwestjonarji marbuta ma' direttivi fil-qasam tal-ilma[93] ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/337/KE tal-25 ta' Lulju 1995 li temenda d-Deċiżjoni 92/446/KEE tas-27 ta' Lulju 1992 dwar il-kwestjonarji li għandhom x'jaqsmu mad-direttivi fis-settur tal-ilma. | | ✓ | |
| 23) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/337/KE tal-25 ta' Lulju 1995 li temenda d-Deċiżjoni 92/446/KEE tas-27 ta' Lulju 1992 dwar il-kwestjonarji li għandhom x'jaqsmu mad-direttivi fis-settur tal-ilma[94]. | | ✓ | |

91 ĠU L 213, 22.8.1996, p. 16.
92 ĠU L 116, 11.5.1996, p. 26.
93 ĠU L 247, 27.8.1992, p. 10.
94 ĠU L 200, 24.8.1995, p. 1.

**Valutazzjoni tal-impatti**

Bi tħejjija għall-Komunikazzjoni dwar Sistema dwar l-Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (is-SEIS), diġà saret valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali u saret konsultazzjoni usa'[95]. Minn dak iż-żmien 'l hawn ġiet aġġornata l-analiżi sottostanti u tħejja dokument iddettaljat ta' sfond[96]. Minn dan ħarġu biżżejjed provi li l-proposta ta' tħassir hemm bżonnha u b'hekk ma kienx hemm bżonn issir valutazzjoni oħra tal-impatt.

Fil-prattika, l-istrumenti li ntgħażlu biex jintlaħqu l-għanijiet, jiġifieri ż-żewġ Deċiżjonijiet u l-Komunikazzjoni, mhux se jibdlu r-rappurtar. Dan għaliex il-pakkett ta' tħassir propost se jwassal għal iktar ċarezza legali billi se jneħħi dispożizzjonijiet li diġà ma kienx għadhom jgħoddu u se jissimplifika għadd ta' obbligi tar-rappurtar billi jġib il-proċeduri f'konformità mat-Trattat ta' Liżbona[97]. Il-kisbiet fl-effiċjenza mistennija jintlaħqu billi jiġi ssimplifikat l-acquis tal-UE u b'hekk mhux se jwasslu għal benefiċċji ekonomiċi, iżda se jwasslu għal benefiċċji tekniċi u legali minflok. Madankollu, ma setgħet tinkiseb l-ebda ċifra għall-ispejjeż u/jew il-benefiċċji li setgħet tintrabat direttament mat-tħassir, l-iktar minħabba li għadd kbir mill-obbligi oriġinali skont id-Direttiva fil-prattika diġà m'għadhomx jgħoddu.

## 3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

**Sommarju tal-miżuri proposti**

Il-proposta ta' tħassir fil-qasam tar-rappurtar ambjentali identifikat miżuri legali li m'għadhomx jgħoddu jew li bidlu d-dispożizzjonijiet eżistenti b'referenzi xierqa għar-Regolament (UE) Nru 182/2011, skont kif xieraq.

**Il-bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika biex tiġi adottata d-Deċiżjoni ta' tħassir hija l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

**Il-principju tas-sussidjarjetà u dak tal-proporzjonalità**

Il-miżuri milqutin minn din il-proposta m'għadhomx jgħoddu, jew minħabba li l-kontenut tagħhom iddaħħal f'atti li ġew ippubblikati warajhom jew minħabba li m'għadhomx rilevanti minħabba n-natura temporanja tagħhom. Għalhekk, it-tħassir ta' dawk il-miżuri huwa konformi mal-principju tas-sussidjarjetà u ma' dak tal-proporzjonalità. Huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jadotta l-miżuri neċessarji biex dan iseħħ.

**Id-dispożizzjonijiet legali ewlenin tad-Deċiżjoni proposta**

**L-Artikolu 1**

Dan jemenda l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE billi jdaħħal referenza għar-Regolament (UE) Nru 182/2011 fih.

**L-Artikolu 2**

Dan jemenda l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju billi jdaħħal referenza għar-Regolament (UE) Nru 182/2011 fih u jadatta l-Artikolu 29 tal-istess

---

95 Ara l-valutazzjoni tal-impatt dwar is-SEIS fid-dokument SWD(2008) 111 tal-1 ta' Frar 2008.

96 http://ec.europa.eu/environment/legal/reporting/index_en.htm.

97 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Direttiva 2009/31/KE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bl-iskrutinju, għall-Artikolu 290 tat-TFUE.

**L-Artikolu 3**

Dan jemenda l-Artikoli 13, 15 u 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-Ambjent, u b’mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura billi jdaħħal referenza għar-Regolament (UE) Nru 182/2011 fihom u jdaħħal Artikolu ġdid fiha, jiġifieri l-Artikolu 15a.

**L-Artikolu 4**

Dan jemenda l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE tad-19 ta’ Marzu 1987 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-ambjent mill-asbestos billi jħassar l-ewwel paragrafu tiegħu.

**L-Artikolu 5**

Dan jemenda l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti.

**L-Artikolu 6**

Dan jemenda d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE tal-20 ta’ Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta’ emissjonijiet ta’ komposti organiċi volatili li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz billi jemenda l-Artikoli 4(4) u 6(4) tiegħu u billi jħassar l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9 tiegħu dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar.

**L-Artikolu 7 u l-Artikolu 8**

Dawn iħassru d-Direttiva u jistipulaw id-data tad-dħul fis-seħħ u tal-applikazzjoni tal-att legali ta’ tħassir. Id-dħul fis-seħħ għandu jkun allinjat mal-proposta dwar l-ekonomija ċirkolari[98] li tkopri d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, dawk tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Settembru 2000 dwar vetturi li m’għadhomx jintużaw, dawk tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta’ April tal-1999 dwar ir-rimi ta’ skart f’terraferma u dawk tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta’ Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u mal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b’emissjonijiet baxxi ta’ karbonju[99].

**L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

## 4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit.

---

98 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta’ azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari (COM(2015) 614 final).

99 COM(2015) 337 final.

2016/0394 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE, id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli ta' proċedura fir-rappurtar fil-qasam tal-ambjent u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[100],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[101],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE[102] u d-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE[103] huma bbażati fuq l-Artikoli 100 u 235 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, li llum il-ġurnata huma l-Artikoli 115 u 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE). L-emendi għal dawk id-Direttivi huma marbutin mal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u huma konsegwenza diretta tat-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE[104] abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE. Għalhekk jixraq li d-Direttivi tal-Kunsill 86/278/KEE u 87/217/KEE jiġu emendati abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

(2) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE[105] hija bbażata fuq l-Artikolu 100a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li llum il-ġurnata huwa l-Artikolu 114 tat-TFUE. L-emendi għal dik id-Direttiva huma marbutin mal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u huma konsegwenza diretta tat-tħassir tad-

100 ĠU C […], […], p. […].

101 ĠU C […], […], p. […].

102 Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-Ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

103 Id-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE tad-19 ta' Marzu 1987 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-ambjent mill-asbestos (ĠU L 85, 28.3.1987, p. 40).

104 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru, 1991, biex tistandardizza u tirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti direttivi fuq l-ambjent (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).

105 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 24).

Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE. Għalhekk jixraq li d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE tiġi emendata abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE ġiet adottata biex tirrazzjonalizza u ttejjeb fuq bażi settorjali d-dispożizzjonijiet fuq it-tixrid tal-informazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' rapporti dwar ċerti Direttivi fuq il-ħarsien tal-ambjent. Sabiex jinkiseb dak il-għan, id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE emendat diversi Direttivi sabiex iddaħħal l-istess rekwiżiti tar-rappurtar.

(4) L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar li daħħlet id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE hija ta' piż u mhijiex effiċjenti. Ħafna atti tal-Unjoni li emendat id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE inbidlu u m'għadx għandhom ir-rekwiżiti tar-rappurtar li daħħlet id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE. Pereżempju d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[106] ħassret seba' atti tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-ilma u ma adottatx is-sistema tar-rappurtar li daħħlet id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE. Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[107] ma fiha l-ebda referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE u tipprevedi sistema separata tar-rappurtar.

(5) Barra minn hekk, id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE ma tipprevedix l-użu ta' għodod elettroniċi. Hekk kif ġew żviluppati b'suċċess il-grupp ta' applikazzjonijiet u proċessi web flimkien imsejħin "Reportnet" tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-inizjattivi settorjali dwar is-simplifikazzjoni tar-rappurtar, pereżempju s-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa, bdew jidħlu dejjem iktar dubji dwar kemm hemm bżonn ta' strument orizzontali għar-rappurtar u dwar kemm strument bħal dan huwa effiċjenti. Fl-aħħar nett, l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[108] u l-iżvilupp relatat tas-Sistema dwar l-Informazzjoni Ambjentali Kondiviża[109] daħħlu approċċ orizzontali iktar modern u effettiv għall-ġestjoni tal-informazzjoni u għar-rappurtar b'rabta mal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE titħassar.

(7) Ħafna mid-Direttivi li emendat id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE m'għadhomx fis-seħħ. Madankollu, id-Direttivi tal-Kunsill 86/278/KEE u 87/217/KEE għadhom fis-seħħ.

(8) Skont id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE, l-Istati Membri jridu jipprovdu rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva abbażi ta' kwestjonarju jew ta' deskrizzjoni ġenerali li l-Kummissjoni tkun fasslet skont il-proċedura stabbilita fid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE. Sabiex jiġi evitat il-vojt legali li jinħoloq bit-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, jeħtieġ li r-referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tinbidel b'referenza għall-proċedura msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE.

---

106 Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

107 Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

108 Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

109 KUMM(2008) 46 finali tal-1 ta' Frar 2008.

(9) Wara li ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[110] li jipprevedi li jitneħħew b'mod gradwali l-produzzjoni u l-użu tal-asbestos mhux maħdum u ta' prodotti li fihom l-asbestos fl-Unjoni, m'għadx hemm bżonn tar-rappurtar skont id-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE. Għalhekk jixraq li jitħassru r-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE.

(10) Wara li ġiet adottata d-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, id-Direttivi u r-Regolamenti li ġejjin kienu jinkludu referenza għaliha: id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE[111], id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE[112], id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [113], id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[114], id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[115], id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[116] u r-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[117].

(11) Bħala parti mill-pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari[118], il-Kummissjoni pproponiet li temenda d-Direttivi 2008/98/KE, 94/62/KE, 1999/31/KE u 2000/53/KE sabiex tinbidel ir-referenza li fihom għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE. Sabiex jiġi żgurat li t-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE ma joħloq l-ebda vojt legali, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-istess data li fiha jibdew japplikaw l-atti proposti fil-qafas tal-pakkett dwar l-ekonomija ċirkolari.

(12) Skont id-Direttiva 2009/31/KE u d-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri jridu jipprovdu rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dawk id-Direttivi abbażi ta' kwestjonarju jew ta' deskrizzjoni ġenerali li l-Kummissjoni tkun fasslet skont il-proċedura stabbilita fid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE. Sabiex jiġi evitat il-vojt legali li jinħoloq bit-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE, jeħtieġ li r-referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tinbidel b'referenza għall-proċedura msemmija fid-Direttiva rilevanti.

---

110 Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

111 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

112 Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April tal-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

113 Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

114 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

115 Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

116 Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

117 Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1).

118 COM(2015) 614 final tat-2 ta' Diċembru 2015.

(13) Sabiex ikun żgurat li ċerti dispożizzjonijiet tal-Annessi tad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE jkunu aġġornati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex tadatta dawk id-dispożizzjonijiet għall-progress tekniku u xjentifiku. Sabiex ikun żgurat li l-Annessi tad-Direttiva 2009/31/KE jkunu aġġornati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex tadatta dawk l-Annessi għall-progress tekniku u xjentifiku. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa meta tkun qed tagħmel il-ħidma preparatorja tagħha, fosthom fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikulari, sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu sehem bl-istess mod fit-tħejjija tal-atti delegati, dawn għandhom jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess waqt bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom għandu jkollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed iħejju l-atti delegati.

(14) Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jirreferi għad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE. Id-dispożizzjoni rilevanti għandha x'taqsam mal-ewwel eżerċizzju tar-rappurtar, li diġà spiċċa. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjoni rilevanti titħassar.

(15) M'għadx hemm bżonn ir-rekwiżit tar-rappurtar stabbilit fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjoni rilevanti titħassar.

(16) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttivi 87/217/KEE, 2003/87/KE, 2009/31/KE, 86/278/KEE u 94/63/KE u r-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*
*Emenda tad-Direttiva 2003/87/KE*

Ir-raba' sentenza tal-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2003/87/KE qed tinbidel b'dan li ġej:

> "Ir-rapport għandu jitfassal fuq il-bażi ta' kwestjonarju jew ta' deskrizzjoni fil-qosor li l-Kummissjoni tkun adottat fil-forma ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).".

*Artikolu 2*
*Emendi tad-Direttiva 2009/31/KE*

Id-Direttiva 2009/31/KE qed tiġi emendata kif ġej:

(1) it-tielet sentenza tal-Artikolu 27(1) qed tinbidel b'dan li ġej:

> "Ir-rapport għandu jsir fuq il-bażi ta' kwestjonarju jew ta' deskrizzjoni ġenerali li l-Kummissjoni tkun adottat fil-forma ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2).";

(2) l-Artikolu 29 qed jinbidel b'dan li ġej:

*“Artikolu 29*
*Emendi għall-Annessi*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a dwar l-adattament tal-Annessi għall-progress tekniku u xjentifiku.”;

(3) qed jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

*"Artikolu 29a*
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 29 għal perjodu mhux limitat taż-żmien li jibda mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jħassru d-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 29 fi kwalunkwe ħin. Deċiżjoni ta' tħassir għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kull att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħturin minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bih fl-istess ħin.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 29 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn mindu jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kemm il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(4) l-Artikolu 30 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 30*
*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit bl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

** Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).".

*Artikolu 3*
*Emendi tad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE*

Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE qed tiġi emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 13 qed jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 13*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 15a sabiex tadatta l-Annessi għall-progress tekniku u xjentifiku li jkun sar.

L-ewwel paragrafu ma għandux japplika għall-parametri u għall-valuri mniżżlin fl-Anness I A, fl-Anness I B u fl-Anness I C, għal kull fattur li x'aktarx jaffettwa l-evalwazzjoni ta' dawk il-valuri u għall-parametri għall-analiżi msemmija fl-Anness II A u fl-Anness II B.";

(2) l-Artikolu 14 qed jitħassar;

(3) l-Artikolu 15 qed jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

* Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

** Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(4) qed jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

*"Artikolu 15a*

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 13 għal perjodu mhux limitat taż-żmien li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jħassru d-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13 fi kwalunkwe ħin. Deċiżjoni ta' tħassir għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kull att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħturin minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bih fl-istess ħin.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn mindu jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kemm il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(5) it-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) qed tinbidel b’dan li ġej:

“Ir-rapporti settorjali għandhom jitfasslu fuq il-bażi ta’ kwestjonarju jew ta’ deskrizzjoni ġenerali li l-Kummissjoni tkun adottat fil-forma ta’ att ta’ implimentazzjoni. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).”.

*Artikolu 4*
*Emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE*

L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE qed jitħassar.

*Artikolu 5*
*Emenda tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013*

L-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 qed jinbidel b’dan li ġej:

“2. Kull rapport għandu jkopri perjodu ta’ tliet snin u għandu jintbagħat b’mod elettroniku lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn disa’ xhur wara tmiem il-perjodu ta’ tliet snin li huwa jkopri.

L-ewwel rapport elettroniku għandu jkopri l-perjodu mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Lista Ewropea sal-31 ta’ Diċembru 2018.”.

*Artikolu 6*
*Emendi tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE*

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE qed tiġi emendata kif ġej:

(1) it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) qed jinbidel b’dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bit-terminals ikkonċernati b’dik id-deroga.”;

(2) it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) qed jinbidel b’dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-dettalji taż-żoni li fihom ikun beħsiebhom jagħtu dik id-deroga u sussegwentement b’kull bidla f’dawk iż-żoni.”;

(3) qed titħassar l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9.

*Artikolu 7*
*Tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE*

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE qed titħassar.

*Artikolu 8*
*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: id-DATA tad-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Artikolu 37(1)[119] tad-Direttiva 2008/98/KE, tal-emenda tal-Artikolu 9[120] tad-Direttiva 2000/53/KE, tal-emenda tal-Artikolu 15[121] tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE u tal-emenda tal-Artikolu 17[122] tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE].

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: id-DATA tad-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Artikolu 22a tad-Direttiva 2003/87/KE[123]].

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

[119] COM(2015) 595 final.
[120] COM(2015) 593 final.
[121] COM(2015) 594 final.
[122] COM(2015) 596 final COM/2015/0337.
[123] COM(2015) 337 final.